# Il-Beatu Dun Ġorġ

## *u d-Devozzjoni lejn il-Madonna*

*Jikteb* **Joseph Formosa,** *Soċju Mużewmin - Msida*



Ġejt avviċinat minn Fra Xmun Cachia O.P., membru tal-Komunità Dumnikana ta' Gwardamanġa, u talabni biex bħala soċju anzjan tas-soċjetà tad-duttrina nisranija MUSEUM nikteb dan l-artiklu fil-programm tal-Festa titulari tal-Madonna tar-Rużarju ta' Fatima, fuq id-devozzjoni li kellu Dun Ġorġ lejn il-Verġni mbierka kif kien isejħilha hu.

Huwa xieraq ħafna li jkollna xi tagħrif fuq dan is-suġġett, issa li wasal iż-żmien tant mixtieq mill-Maltin kollha li nisimgħu l-Vigarju ta' Ġesù Kristu solennament jiddikjara bħala Beatu Malti lis-saċerdot Dun Ġorġ Preca.

Nibdew biex ngħidu li bħal San Duminku, Dun Ġorġ kien magħżul minn Alla l-Imbierek għall-appostolat tal-kelma, biex jgħallem it-tagħlim nisrani fost il-Maltin u l-Għawdxin kollha, anzi kienet ix-xewqa tiegħu li dan it-tagħlim jinxtered mad-dinja.

Dun Ġorġ kien persważ li dan l-appostolat ma setax ikollu frott jew suċċess jekk ma jkunx magħqud ma' vera devozzjoni u mħabba lejn din l-Omm tagħna. Id-devozzjoni li kellu hu lejn il-Madonna ried l-ewwel inissilha fost is-soċi u l-membri l-oħra kollha mużewmin kif ukoll fil-Maltin kollha.

Mingħajr dubju li Dun Ġorġ wera ukoll id-devozzjoni lejn il-Madonna meta xerred id-devozzjoni lejn il-kliem Verbum Dei Caro Factum Est, l-Iben t'Alla sar bniedem. Kien persważ li min jagħti qima lil dan il-kliem ikun juri qima lejn il-Madonna għax permezz tagħha inkarna l-Iben t'Alla, u għalhekk aħna l-membri nistqarru dan il-kliem bil-badge li nġibu fuq sidirna. Hu kien qabbad pittur Raphael Bonnici Calì biex ipinġi l-Madonna filwaqt li qed taċċetta li ssir Omm Ġesù. Ried ukoll li fuqha jkun hemm il-kliem Verbum Dei Caro factum Est kif jidher sew fl-istampa.

Ikun twil dan l-artiklu jekk nikteb kull ma għallem jew kiteb Dun Ġorġ biex inissel fina d-devozzjoni lejn il-Madonna.



*Dun Ġorġ Preca bl-istatwa tal-Madonna f'idu*

1. Kien kiteb talba sabiħa li ried li tingħad mis-soċi u t-tfal qabel ma jidħlu fil-klassi għad-duttrina:-

   *Ifraħ o Verġni Marija, għax inti sibt Grazzja quddiem Alla; inti li emmint għall-kelmiet ta' l-Anġlu Gabriel, waqt li*

*fil-ħin li bqajt xebba;*
*nissilt Alla u Bniedem u wara li tajtu lid-dinja bqajt xebba bla mittiefsa;*
*Omm Alla idħol għalina.*

2. Ried li s-soċi jgħidu ħames posti rużarju kuljum jekk jista' jkun għarkobbtejhom, u jgħidu ħmistax-il posta fil-festi prinċipali tal-Madonna.

3. Riedna nkunu miktubin u nġibu fuqna l-labtu tal-Madonna tal-Karmelu, u Dun Ġorġ kien terzjarju Karmelitan u ried li jsir programm speċjali mat-tfal fis-16 ta' Lulju fil-festa tagħha.

4. Xerred ħafna d-devozzjoni lejn il-midalja mirakoluża tal-Madonna ma' Malta kollha, u kif nafu li anke l-Kappella tal-Blata l-Bajda hija ddedikata lilha.

5. Talba sabiħa ta' tifħir lill-Madonna u li ried li tingħad mis-soċi fl-4:15 pm u jiena tant naraha sabiħa:-
   *Bil-grazzja mimlija, Omm u dejjem xebba Ħelwa Marija;*
   *Itlob 'l Alla għalina*
   *Kull kreatura, O Marija, tinkina quddiemek (inkin);*
   *għax tassew ħwejjeġ kbar għamel miegħek Dak li huwa setgħani.*
   *Alla l-Missier tak is-smewwiet u l-art*
   *Alla l-Ispirtu s-Santu tak kemm tista' tkun eżaltata kreatura minn Alla fl-ogħla grad.*

6. Talba oħra tiegħu li turi il-qawwa u l-fiduċja fil-Madonna:-
   *O Verġni mbierka;*
   *O Bieb tas-sema;*
   *O Omm tal-Ħniena;*
   *O Għaxqa t'Alla;*
   *Itlob għalina għax aħna nafu li xejn ma jiċħadlek Dak li għażlek biex tkun l-Omm Divina tiegħu.*

Fost il-kotba li kiteb Dun Ġorġ insibu wieħed li sejjaħlu l-Benedicta (l-Imbierka) li fih hemm paġna għal kull ġurnata tax-xahar t'Awissu.

Nimitaw lill-Beatu Dun Ġorġ fid-devozzjoni u l-imħabba li kellu lejn il-Verġni Mbierka billi naqraw u nisimgħu aktar fuqha, u wkoll li jkollna fi djarna x-xbieha tagħha. Dun Ġorġ kellu għal qalbu x-xbieha tal-parir it-tajjeb, kien jinsisti ħafna fuq ir-reċita tar-Rużarju mqaddes, billi ngħiduh kuljum bil-qima kif xtaqet il-Madonna fid-dehriet tagħha ġewwa Fatima u nibqgħu żguri li dejjem lesta biex tindaħal għalina quddiem Alla u tkun ħdejna fis-siegħa ta' mewtna biex tberikna u ssalvana.






*Il-pittura tal-Madonna minn Raphael Bonnici Calì*